Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 14**

**L-ERBGĦA 27 TA' FRAR 2013 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.00PM.**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| DR JUSTIN FENECH | VICI –SINDKU |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| RENE ROSSIGNAUD | KUNSILLIER |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| ALEXANDER CHETCUTI | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| CARMEN SAID | KUNSILLIER |

Din il-laqgħa bdiet fil-5:15pm.

Il-Kunsillieri R.Rossignaud kien preżenti fis-7:00pm.

Il-Kunsillier P. Fenech kien skużat minħabba raġunijiet ta' mard.

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il- Minuti tas-Seduti Nru. 12 u Nru.13 ġew approvati kif emendati. Il-Kunsillier C.Said ipproponiet u l-Viċi Sindku Dr. J. Fenech issekonda.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

Mill-Kunsillier M. Fava

1. Il-Kunsillier staqsa jekk bediex l-proċess ta' l-iskema ta' l-ipparkjar għar-residenti. Is-Sindku nforma li minħabba mpenji, hu għad ma kellux ħin li jiddiskuti mas-Sindku tal-Pieta' pero' wiegħed li dan se jsir fl-ewwel oppotunita' li hu se jiltaqa' miegħu.

Mill-Kunsillier A. Curmi

1. Il-Kunsillier staqsa dwar il-permessi tal-MEPA tal-iżvillup tat-Tennis Court fi Triq il-Ħemmel. Is-Segretraju Eżekuttiv informa li fil-21 ta' Frar 2013 waslet korrispondenza mill-MEPA, fejn il-Kunsill ġie mistoqsi jekk għandux xi sottomissjonijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma wkoll li din il-korrispondenza intbagħtet mill-ewwel lill-Perit tal-Kunsill. Dan wiegħed li se jibda' jaħdem fuqha minnufih.

Mill-Viċi Sindku

1. Il-Viċi Sindku nforma li l-*Business Personal Cards* ta' kull Kunsillier dalwaqt ser jkunu lesti. Id-dewmien kien dovut minħabba tibdil li sar mid-Dipartiment fil-logo tal-lokalita'.

2. Il-Viċi Sindku staqsa jek kienet inkitbet l-ittra lill-uffiċċjali tal-WSC dwar id-dewmien ta' tiwijja tal-kanen ta' l-ilma fi Triq F. X. Ebejer. Is-Segretraju Eżekuttiv nforma li l-ittra ntbagħtet lis-Sur J. Gregoraċi, responsabbli mit-tiswijiet ta' din iż-żona. Huwa nforma li se jikkomunika ma' min kien responsabbli minn dawn ix-xogħlijiet.

3. Il-Kunsill ġie nfurmat rigward Memo 40/2012 – Għajnuna Finanzjarja lill-Kunsilli li għandhom librerija pubblika. Il-Viċi Sindku informa li dawn il-kotba inxtraw minn żewġ djar ta-pubblikazzjonijiet mill-Merlin u mill-Midsea. Dawn il-kotba se jkunu bijografiji, kotba bil-Malti għat-tfal żgħar u kotba oħra minn kittieba Maltin. L-invoices ta' dan ix-xiri se jgħaddu lill-Kunsill fil-jiem li ġejjin. Dawn il-kotba se jinġibu l-Kunsill fil-jiem li ġejjin. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

HUGH ZAMMIT NOEL MUSCAT
SEGRETARJU EŻEKUTTIV SINDKU

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku nforma dwar ir-rikostruzzjoni ta' Triq il-Qasam. Saru komunikazzjonijiet mal-Kuntrattur responsabbli mix-xogħlijiet. Dan informa li diġa' saru l-applikazzjonijiet għall-permessi kollha neċċessarji. Is-Sindku nforma wkoll li sar tibdil fid-disinji fiż-żona tan-naħa ta' fejn hemm il-ħwienet. Dan it-tibdil ġie spejgat fid-dettal waqt din is-seduta. Il-Kunsill unanimament qabel ma' dan it-tibdil.

2. Is-Sindku ppropona biex *Traffic Calmer* li hemm fil-parti t' isfel ta' Triq il-Keffa titneħħa meta f' din iż-żona issiru x-xogħlijiet neċċessarji ta'patching.

3. Il-Kunsill ġie nfurmat li *doggy bins* kollha ġew installati fil-posijiet identifikati pero' huwa ppropona sabiex jiġu ordnati 10 oħra ħalli jkunu jistgħu jitpoġġew ukoll f' żoni oħra. Il-Viċi Sindku issekonda din il-proposta. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

4. Is-Sindku ppropona li għandu jitwaqqaf Kumitat responsabbli mill-attivitajiet li jistgħu jsir minn żmien għal żmien fil-Kunsill il-ġdid. Saret proposta' sabiex il-membri li jiffurmaw dan il-Kumitat jkunu il-Kunsillieri P. Fenech, C. Said u M. Abela. Il-Kunsill unaniment qabel ma' din il-proposta u mal-membri magħżula. Il-Kunsillier M. Fava ssuġerixxa li dan il-Kumitat għandu jibda' jinfunzjoni wara li l-Kunsill jidħol fil-bini l-ġdid ħalli wieħed jkun jista' jara x'jippermetti l-post.

5. Il-Kunsill ġie nfurmat li se tinkiteb ittra lill-Ministeru tar-Riżorsi Rurali sabiex issir talba uffiċċjali biex iċ-Ċentru Ċiviku u l-Ġnien li ġie inawgurat jgħaddi lill-Kunsill ħalli nkunu nistgħu nidħlu fl-uffiċini l-ġodda.

6. Is-Sindku issuġerixxa li ssir laqgħa ma' uffiċċjali tal-Pulizija fl-uffiċini l-ġodda ħalli dawn jinfurmaw bl-eżatt x' qed jitolbu sabiex tibda' tinfunzjona l-Għassa tal-Pulizija.

7. <u>Offerta -Supply of Outdoor Gym</u>

Ġew sottomessi dawn l-offerti:

| No | Tenderer | Price € | Remarks |
|---|---|---|---|
| | | | |
| **1** | **Forestals Ltd** | **14,668.78** | |
| **2** | **Urbana** | **17,447.00** | |
| **3** | **JGC Ltd.** | **12,994.75 or 23,324.25** | |

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**

**III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU - ikompli**

Is-Sindku preżenta u qara r-rapport ta' l-aġġudikazzjoni li prepara l-Perit dwar din l-offerta'.
Wara diskuzzjoni fit-tul il-Kunsill unanimamet qabel li għandha tintgħażel l-offerta' tal-Forestols Ltd bil-prezz ta' €14,668.75 u dan minħabba li xogħlijiet huma ta' manifattura mill-EU kif ukoll fid-dehra dan l-apparat jidher isbaħ u aktar sekur.
Il-Kunsill ġie nfurmat wkoll li dan l-apparat minngħand Forestols Ltd. intgħażel ukoll mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, tas-Siġġiewi kif ukoll mill-Kunsill Malti għall-isports. L-offerta mill-Kuntrattur JGC Ltd. fuq xogħol spanjol kien kważi €9,0000 aktar. Il-Kunsillieri M. Fava ippropona u l-Kunsillier C. Said issekondat. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

9. Kwotazzjoni 2 swings seats for Disabled Children

Ġew sottomessi dawn l-offerti:

| No | Tenderer | Price € | Remarks |
|---|---|---|---|
| 1 | JGC Ltd. | 1,300.00 | |
| 2 | Forestals | 2,180.00 | |
| 3 | M Quip | 1,990.00 | |
| 4 | Be Indenpendent | 900.00 | |

Rigward din il-kwotazzjoni, is-Sindku qara r-rapport tal-Perit tal-Kunsill. Wara diskuzzjoni, il-Kunsill ukoll qabel unanimament li tintgħażel l-offerta' tal-Forestals Ltd minħabba raġunijiet ta' siġurta' u ta' kwalita tal-prodotti.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

Mill-Kunsillier M. Abela

1. Il-Kunsillier rrapurtat li fil-Madliena hemm diversi toroq li jinsabu fid-dlam. Dawn it-toroq huma Triq il-Palma u Triq ta' Stronka. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jirraporta dawn it-toroq lill-Enemalta peress li x'aktarx hija ħsara minn naħa tagħhom.

2. Il-Kunsill ġie nfurmat li ntbagħtet ittra oħra uffiċċjali lil Silos (Schembri Infrast. Ltd) dwar il-proġett pilota ta' rikostruzzjoni tat-toroq fil-Madliena. F' din l-ittra qed tintalab data ta' meta se jitkomplew ix-xogħlijiet fuq l-erbgħa toroq pendenti.

3. Il-Kunsillier infurmat li l-Proġett tal-Victoria Lines se jiġi mplimentat mill-Malta Tourisim Authority. Hija ħadet l-inkarigu li tipprepara korrispondenza biex tintbagħat lill-istess Awtorita'.

4. Il-Kunsillier infurmat li sar appuntament għall- 4 ta' Marzu 2013 fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. F'din il-laqgħa se tiġi diskussa l-possbilta' ta' devoluzzjoni lill-Kunsill tal-*Medical Stores* f' Tas-Stronka, Madliena.

Il-Kunsillier M. Abela ġiet skużata. Il-ħin kien is-19:15.

Mill-Kunsillier A. Chetcuti

1. Il-Kunsillier reġa' irraporta li fi Triq il-Bir hemm bankina li hija ferm perikoluża u li hemm bżonn li din issir imedjatment. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jinforma lill-Kuntrattur Simon Sammut.

Mill-Kunsillier C. Said

1. Il-Kunsillier saħqet li hemm bżonn issir pressjoni fuq il-Perit tal-Kunsill sabiex jsir dak kollu meħtieġ mill-aktar fis possibli, jibdew ix-xogħlijiet ippjanati fil-Ġnien ta' Triq il-Ħemmel.

2. Hija pproponiet li jinbena ċint madwar l-art li mhux mibnija wara l-bini ta' Ċentru Ċiviku sabiex din ma tkunx ta' periklu għal kull min jiffrekweta din iż-żona kif ukoll sabiex ħadd ma juża din l-art bħala *dumping zone*.

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikompli

Mill-Kunsillier R. Rossignaud

1. Il-Kunsiller xtaq konferma jekk fil-Kunsill il-ġdid hux se tkun inkluż Berġa u Għassa tal-Pulizija. Is- Sindku wieġeb li dawn huma nklużi. Huwa staqsa dwar meta se jsir transferiment fil-bini l-ġdid. Is- Sindku wieġeb li dwar hekk se tintbagħt ittra lil Ministeri tar-Riżorsi sabiex tibda' l-proċedura tat-transferiment.

Mill-Kunsilleri A. Curmi

1. Il-Kunsillier staqsa sabiex jitqassam iċ-Ċertifikat tal-Ġurament tal-Ħatra lil kull kunsillier.

2. Huwa nforma li minħabba impenji li kellu f' Diċembru 2012 u fi Frar 2013, ma setgħax jattendi għas-Seminars li ġew organizzat mit-Transport Malta. Il-Kunsillier staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk kienx possibli jattendi għal dawn seminars. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li huwa ma setgħax jattendi minħabba li hu m'għandux e-ID pero' ħa l-inkarigu li jagħmel kuntatt mal-Perit S. Bonello biex tkun tista' tinfurmana fuq xiex eżatt kienu is-seminars.

3. Il-Kunsillier staqsa dwar jekk sarux xi żvillup rigward il-bini ta' l-ex Forum Hotel. Is-Sindku informa li sa data għad ma kellux informazzjoni.

4. Il-Kunsill ġie nfurmat dwar il-ħajt tas-sejjiegħ perikoluż fin-niżla għal Wied minn Triq is-Swieqi. Is- Segretraju Eżekuttiv nforma li dwar dan iċ-ċint hu diġa' kellu kuntatti ma' uffiċċjali mill-Ministeru ta' l-MRRA. Dawn wegħdu li dawn ix-xogħlijiet se jitpoġġew fuq il-programm.

5. Il-Kunsillier informa li rċieva lmenti minngħand resident li xi Betting Company fi Triq il-Keffa qegħdin joħroġu l-sikart tagħhom wara li l-kuntrattur jiġbor l-iskart. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li huwa kellem lis-sidien ta' din il-kumpanija dwar dan.

Mill-Viċi Sindku

1. Il-Viċi Sindku rraporta dwar il-każ pendenti fil-Qorti dwar il-pjanti li saru għall-Proġett fi Triq il-Keffa. Huwa kellu kuntatti ma' l-Avukat tal-Kunsill. L-Avukat nforma li se jibgħat rapport idettaljat li jirrfleti s-sitwazzjoni preżenti tal-każ.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikompli

Mill-Viċi Sindku – ikompli

Il-Kunsillier C. Said ġiet skużata fit-20:10.

2. Huwa staqsa il-possibilta' li l-art ta' wara l-Kunsill il-ġdid titnaddaf u tintuża bħala post ta' rikreazzjoni mingħajr ma jsir l-ebda bini ġo fiha. Din tista' tintuża wkoll bħala Playing Field għaż-żgħażagħ.

## V APPROVAZZJONI TA'PAGAMENTI U XIRI IEĦOR

1. Il-pagamenti kollha li kienu mniżżlin fl-iskeda ġew approvati. Il-Kunsillier M. Fava ippropona fil-waqt li l-Kunsillier M. Abela ssekondat.

## VI KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma ppreżenta ittra tal-KPMG dwar rati ogħla minn dik li hemm stipulat fit-Tender. Wara diskuzzjoni, il-Kunsill unanimament qabel li għandha toħroġ sejħa għall-offerti għas-servizz ta' Accountant.

Din il-laqgħa spiċċat fit-20:30 u sar aġġornament għat-28 ta' Marzu 2013.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**